MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1360/2002

**Joseph Camilleri.**

**-vs-**

**Joseph u Josephine konjugi Gatt.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur huwa proprjetarju tal-fond 50 Queen Street Paola indikata bl-ittra "A" fi pjanta hawn annessa u markata Dok "JC1";

Illi l-istess propjeta’ waslet ghand Anglu Camilleri missier l-attur permezz ta’ kuntratt datat 25 ta’ Novembru 1950 atti tan-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle, kopja annessa u markata Dok. “JC2” inkluza l-pjanta Dok. “JC3” u permezz ta’ kuntratt datat 12 ta’ Novembru 1951 atti tan-Nutar John Tabone Adami Dok. “JC4” u mbaghad ghand l-attur permezz ta’ kuntratt ta’ donazzjoni datat 14 ta’ Dicembru 1973 atti tan-Nutar Joseph Sciberras Dok. “JC5”.

Illi fuq in-naha ta’ wara tal-propjeta tar-rikorrenti dejjem kienet tezisti rewwieha jew tieqa li sservi lill-propjeta’ ta’ l-konvenuti u dana kif indikat fil-pjanta annessa u markata Dok. “JC3”.

Illi din l-istess rewwieha jew tieqa dejjem baqghet hemm sakemm dan l-ahhar il-konvenuti minghajr dritt validu fil-ligi jew permess tal-attur, fethu l-istess u ghamluha biex u di piu wara li invadew ukoll fl-arja tal-propjeta ta’ l-attur haffru l-istess propjeta sabiex inizzluha fl-istess livell tal-propjeta taghhom u cioe’ garage numru 7 fi New Street Paola;

Illi l-attur ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-konvenuti wara li l-qorti ‘prima facie’ rat li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex l-konvenuti jitwaqqfu;

Illi sussegwentement il-konvenuti minkejja tentattivi ohra baqghu ma rripristinawx kollox ghall-istat originali tieghu u baqghu nadempjenti;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. tiddikjara illi din il-parti ta’ art illi okkupaw l-konvenuti minghajr dritt validu fil-ligi u li tinsab indikata fil-pjanta annessa u markata “JC1” hija propjeta assoluta ta’ l-attur u l-konvenuti ghandhom dritt biss igawdi ir-rewwieha jew tieqa li kien hemm installata u li nqalghet mill-konvenuti stess ftit tax-xhur ilu f’dak il-qies li jirrizulta

lill-Qorti fit-trattazzjoni tal-kawza, occorrendo bl-opera ta' periti nominand;

2. tordna lill-konvenuti sabiex fiz-zmien li jidhrilha l-qorti jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha necessarji a spejjez taghhom sabiex l-istess parti tal-bitha tal-propjeta' ta' l-attur hekk dikjarata tigi rivertita fil-livell li kienet qabel intmesset mill-konvenuti u sabiex jergghu jaghlqu l-istess bieb li fethu u minflok jaghmlu it-tieqa jew rewwieha fil-qies li kien hemm qabel;

3. fin-nuqqas li jsir dan ix-xoghol kollu mill-konvenuti tawtorizza lill-attur jaffetwa huwa minflokhom l-istess xoghol necessarju bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti;

Bl-ispejjez kollha inkluz tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1786/02 MI kontra l-konvenuti noe li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-14 ta' Frar, 2003 li permezz taghha eccepew;

Illi l-attur ma huwiex il-proprietarju ta' dik il-parti ta' l-art li tifforma l-mertu tal-kawza fl-ismijiet premessi u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bhala ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-relazzjoni ta' l-AIC Alan Saliba.

Rat l-atti processwali l-ohra u l-verbal tas-6 ta' Marzu, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni rivendikatorja tipika fejn l-attur qed jitlob li jigi re-integrat fil-proprjeta' li qed jallega illi giet approprjata mill-konvenuti bix-xoghlijiet imsemmija fic-citazzjoni.

Hu risaput tradizzjonalment illi f'kawza simili l-attur irid jipprova t-titolu tieghu minghajr ebda ombra ta' dubbju – ara per ezempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-1958 fil-kawza fl-ismijiet Borg vs Buhagiar. F'dik il-kawza ntqal illi kwalunkwe dubbju ghandu *jimmilita favur il-konvenut possessur.* Din hija biss ezempju ghaliex hemm diversi sentenzi ohra simili. Wiehed jista' jsib rassenja dettaljata taghhom fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet Anthony Mercieca vs Anthony Buhagiar fit-23 ta' Ottubru, 2001 (Onor. Imhallef R Pace). Fiha gie citat ukoll l-awtur Torrente li qal hekk;

"*La rivendicazione e' la principale delle azioni petitorie ed e' concessa a favore di colui che si afferma propietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene. L'attore in conformita' delle regole generali, ha l'onere di dimostrare il suo diritto; percio' se l'acquisto non w'a titolo originario. Ha l'onere di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originale. A voler andare all'infinoto, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di probatio diabolica).*

Fis-snin ricenti din il-posizzjoni ccaqalqet xi ftit tant illi il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijet John Vella et vs Sherlock Camilleri moghtija fit-12 ta' Dicembru, 2002 adottat posizzjoni kemmxejn differenti billi qalet illi; "*il-Qrati taghna, konsapevoli bid-diffikolta li ssir tali prova u fl-interess tal-gustizzja accettaw il-possibilta' li l-attur jirnexxi fil-kawza li jaghmel in forza tal-actio publicana. Hekk fil-kawza* Attard nomine vs Fenech *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1875 (Vol VII p 390) osservat, 'che l'azione*

*intentata dell'atore nel suo libello quale procuratore dell'assente Angelo Zarb e' duplice,*

*la rivendocaoria e la publicana, giusta i principi della leggeromana; colla prima l'attore deve provare di aver il dominio della cosa che vuole rivendicare; colla seconda di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu debole del suo. Che e' ricevuto nel foro che le dette due azioni si possono cumulare ed esercitare alternattivamente, nonostante che anche tendono allo stess oggetto.* (Ara ukoll Fenech vs Debono – Prim'Awla 14 ta' Mejju, 1935).

L-eccezzjoni tal-konvenuti hija li l-attur mhux il-proprjetarju tal-fond li jsemmi goc-citazzjoni u allura huwa car li jekk l-attur ma jipprovax li hu l-proprjetarju t-talba tieghu ghandha tigi michuda mhux biss ghaliex tfalli fil-premessa mill-iktar importanti izda anke ghaliex allura, kif ivverbalizza d-difensur tal-konvenut fl-ahhar seduta tas-6 ta' Marzu, 2006, l-istess attur ma jkollux l-interess guridiku rikjest mil-ligi biex jistitwixxi l-kawza ghaliex ifalli t-test tal-*utilita' finale* kif spjegata minn diversi sentenzi tal-Qrati taghna spirati mit-taghlim tal-gurista Mortara.

Qabel pero' wiehed jidhol iktar fuq dan il-punt irid jigu osservati dettaljatament il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku. Il-Qorti qed tirriproducihom kif saru;

*1. Ix-shaft in kwistjoni jifforma parti mit-terran 58 Linmar, Triq is-sultana Rahal Gdid li huwa proprjeta' ta' missier l-attur Angelo Camilleri. Mix-xhieda tal-inkwilin li joqghod fit-terran jirrizulta li dan il-fond huwa mikri lilu minghand l-attur.*

*2. Il-konvenut baxxa l-art ta' dan ix-shaft mil-livell tal-bitha*

*3. tat-terran ghall-livell tal-garaxx tieghu u fetah it-tieqa li kienet taghti ghal fuq l-istess shaft u ghamilha bieb fis-sena 2002.*

"*Sabiex dan ix-shaft u l-ferha jergghu jigu pristinati fl-istat originali taghhom jehtieg li ......*"

Il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku allura ma jhallu lok ghal ebda dubbju li l-attur m'huwiex il-proprjetarju tal-fond imsemmi fic-citazzjoni. Apparti l-fatt li fic-citazzjoni ndika n-numru tal-fond bhala 50 u jirrizulta mill-atti tal-kawza li fil-fatt in numru kellu jkun 58, jidher li lanqas dan ma hu proprjeta' tal-attur. Il-Qorti ma tifhimx kif l-attur indika n-numru 50 ghaliex anke precedentement in-numru tal-fond qatt ma kien 50 izda semmai in-numru 44, kif jidher mill-kuntratti esebiti mill-istess attur u kif anke xehed l-inkwilin Stafrace.

Il-fatt li Stafrace jghid li kera l-fond minghand l-attur ma jfisser xejn ghaliex f'din il-kawza fin-nofs hemm il-kwistjoni tal-proprjeta' u allura dak li jghodd huma l-atti pubblici li ma jhallu lok ghall-ebda dubbju. Infatti l-attur akkwista minghand missieru; "*l-arja taz-zewg terrani ...mill-gholi ta' hdax il-filata mill-livell tal-qatran u li qeghdin f'Rahal Gdid Queen Street, tnejn u erbghin u erbgha u erbghin (42 u 44) tal-kejl.*" (Dok. JC5). Ghalhekk fil-waqt li l-attur hu proprjetarju tal-arja minn dak il-livell imsemmi l' fuq ma jistax jghid li huwa proprjetarju ta' "*din il-parti tal-art li okkupaw il-konvenuti*", kif jghid fic-citazzjoni ezatt kif jibda t-talbiet tieghu.

Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-eccezzjoni tal-konvenuti jisthoqqilha tigi milqugha.

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti, tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------